**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 64/2022**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Michael (Michael-Joseph) Hudson**
**Sylvia Mary Hudson**

Illum, 28 ta' Settembru 2022

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellanti, Michael (Michael-Joseph) Hudson, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 510171(M), u Sylvia Mary Hudson, detentriċi tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 0003387(M), akkużati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fit-13 ta' Novembru 2018 u fil-jiem u/jew xhur ta' qabel din id-data, fi Triq Reġjonali, Santa Venera:

1. Bla ħsieb li jisirqu jew li jagħmlu ħsara kontra l-liġi iżda biss biex jeżerċitaw jedd li jippretendu li għandhom, ġiegħlu bl-awtorita' tagħhom infushom, lil xi ħadd iħallas dejn jew jeżegwixxi obbligazzjoni tkun li tkun, jew fixklu lil xi ħadd fil-pussess ta' ħwejġu jew ħattew bini jew kissru mixi tal-ilma jew ħadu l-ilma għalihom jew b'xi mod ieħor kontra l-liġi, indaħlu fi ħwejġu u dan bi ksur tal-Art. 85(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, ġabu rwiehom b'tali mod li taw fastidju lil Lara Marie Bezzina u Keith Caruana u b'mod li kienu jafu jew li messhom kienu jafu li dak li għamlu kien ta' fastidju għal Lara Marie Bezzina u Keith Caruana u dan bi ksur tal-Art. 251A(1)(a)(b) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-11 ta' Frar 2022, fejn il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 85 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputati ħatja ta' l-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tagħhom u lliberathom mit-tieni mputazzjoni. Sussegwentement, il-Qorti ikkundanat lill-imputati Michael (Michael-Joseph) Hudson u Sylvia Mary Hudson, għal multa ta' €150.00 kull wieħed. *In oltre*, il-Qorti, ai termini tal-Artikolu 377(3) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ordnat lill-imputati jneħħu l-*cameras* in kwistjoni b'tali mod li ma jkunux f'pozizzjoni li jistgħu jirreġistraw lill-kwerelanti u dan fi zmien tlett ijiem mill-lum, taħt ammenda ta' €10.00 kuljum għal kull ġurnata li din is-sitwazzjoni tibqa' kif inhi.

Rat ir-rikors tal-appellanti, ippreżentat fl-24 ta' Frar 2022, fejn talbu lil din l-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn l-esponenti ġew illiberati mit-tieni imputazzjoni u tħassarha u tirrevokaha in kwantu l-ewwel imputazzjoni sabiex b'hekk tillibera lill-appellanti minn kull akkuża.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellanti esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-appellanti iqanqlu aggravju wieħed dirett lejn is-sentenza appellata u ċioe' illi l-Ewwel Qorti m'għamlitx apprezzament tajjeb tal-fatti hekk kif irriżultaw mill-provi prodotti. Fil-fehma tal-appellanti, mill-fattispeċi tal-każ odjern, ma setgħu qatt jinkwadraw l-elementi meħtieġa sabiex jissussiti r-reat imfassal fl-artikolu 85 tal-

Kodiċi Kriminali, ir-reat hekk imsejjaħ ta' *raggion fattasi*. Il-Qorti eżaminat mill-ġdid l-atti proċesswali, inkluz id-dokumenti kollha eżebiti u t-testimonjanzi tax-xhieda li ddeponew quddiem l-Ewwel Qorti, biex b'hekk tkun f'posizzjoni aħjar tevalwa jekk l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti kienx wieħed raġjonevolment u legalment validu[1].

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-atti jirriżulta illi nhar il-15 ta' Novembru tas-sena 2018, il-kwerelanti Lara Marie Bezzina kienet irrikorriet l-Għassa tal-Pulizija u rrapurtat lill-ġirien tagħha, l-appellanti, talli nstallaw kameras tas-sigurta' (*CCTV cameras)* li kienu jagħtu għal fuq it-taraġ tal-komun li jservi ta' dħul għar-residenzi rispettivi tal-ko-litigandi. Dan wassal, fil-fehma tagħhom, għall-ipproċessar ta' *data* u informazzjoni marbuta mal-ħajja privata tagħhom mill-appellanti u dana mingħajr l-awtoriżazzjoni speċifika tagħhom. Lara Marie Bezzina xehdet ukoll li l-appellanti kienu lmentaw magħha dwar xi ħmieġ provenjenti mil-pil ta' kelb, u filwaqt li ppuntawlha lejn il-kameras in kwistjoni qalulha "*Qed taraha dik il-camera? Hawnhekk kelb ieħor ma jerġax jidħol*". Illi jidher illi kienet din il-kwistjoni li wasslet għall-aġir allegatament inkriminatorju minn naħa ta'l-appellanti.

Illi l-appellanti kienu misjuba ħatja tar-reat maħsub fl-artikolu 85 taI-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u ċioe' dak ir-reat hekk magħruf bħala *raggion fattasi,* kif ingħad. Għad kienu id-deċiżjonijiet mill-qrati tagħna in materja fejn għal diversi drabi kien stabbilit illi l-elementi ta' dan ir-reat jikkonsistu:

> **a) f'att estern li jimpedixxi persuna ohra minn dritt li hija tgawdi u li jkun sar bid-dissens esplicitu jew implicitu ta' dik il-persuna;**

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u lAppelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

**b) l-imputat irid jemmen li qed jaġixxi bi dritt;**

**c) ix-xjenza tal-imputat li qed jieħu b'idejh dak li suppost jieħu tramite l-proċess legali;**

**d) li l-att ma jinkwadrax ruhu f'reat aktar gravi.**

***In oltre*, ir-reat ma jissustix meta l-att materjali jikkonsisti fi-rritenzjoni ta' pussess li dak li jkun ġja kellu.[2]**

Illi, minn jikkometti r-reat ta' *raggion fattasi* ma jistax jiġi skużat minħabba l-fatt li hu għandu titolu fuq l-oġġett jew fuq il-proprjeta' li qed jippretendi d-dritt fuqha. Ir-reat jista' jissusisti ukoll f'kaz fejn il-vittma ikollu sempliċi pussess jew detenzjoni tal-oġġett kif ukoll sempliċiment meta persuna jkollha d-dritt li tgawdi jew tuża l-ħaġa jew il-proprjeta' u li hi ma tkunx tista tkompli b'dan l-użu jew tgawdija minħabba l-azzjoni ta'l-awtur tar-reat. Di fatti fil-każ fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Bongailas**[3], il-Qorti tal-Appell ikkunsidrat hekk –

> **L-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali li jittratta dwar ir-ragion fattasi, bl-ewwel rekwizit tieghu, kjarament iqis bhal agir kriminali kull att ta' xi hadd li jfixkel lil xi haddiehor fil-pussess ta' xi haga li qed igawdi. L-imsemmi artikolu, ghalhekk, jittutela l-pussess tal-haga u mhux necessarjament ukoll il-proprjeta'' taghha. Il-kelma pussess, ghalhekk, tinkludi l-uzu jew dgawdija ta' dik il-haga. Li hu importanti, ai fini ta' l-Artikolu 85 tal-Kap. 9, dejjem riferibbilment ghall-ewwel element kostituttiv tieghu huwa jekk effettivament sa dik in-nhar li sar dan l-allegat att ta' spoll millappellant, kellhomx il-kwerelanti l-pussess, ossija l-uzu u/jew id-dgawdija tal-fond in kwistjoni.**
>
> **Taht l-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali ma hemm ebda bzonn illi jigi ppruvat xi element ta' pussess aktar sostanzjali minn hekk. Id-dicitura ta' l-artikolu hija cara u l-legislatur certament ried illi jigi evitat kull tfixkil, hu ta' liema natura hu, anki fis-semplici pussess. Tali pussess jinkludi wkoll kif gie ripetutament deciz minn din il-Qorti, anke s-semplici drittijiet normalment kompetenti lill-persuni koncernati.**
>
> **Id-dispozizzjoni tal-ligi li tikkontempla r-reat ta' raggion fattasi hija ntiza biex il-privat li jippretendi xi drittijiet ma jissostitwix l-azzjoni tieghu ghal dak tat-tribunal meta jista' jirrikorri lejhom. Hi gusta jew le la pretensjoni**

[2] Pulizija vs Anthony Zahra deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri kif ippreseduta mill-Imħallef Lawrence Quintano u datata l-20 ta' Ġunju 2014. Ara wkoll fost oħrajn Pulizija vs Mario Bezzina, deċiża millQorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri kif ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u datata 26 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija vs Michael Lungaro, deċiza mill-Qorti tal-Appell Kriminali Seded Inferjuri kif ippreseduta mill-imħallef Joe Galea Debono u datata l-15 ta' Mejju 2003u Pulizija vs Eileen Said deċiża mill-Qorti tal-appell Kriminali Sede Inferjuri ppreseduta mill-Imħallef Joe Galea Debono u datata d-19 taż Ġunju 2002.

[3] Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri, ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u datata 22.10.2001.

**tieghu, hu ma jistax minn rajh jezercita dawk id-drittijiet li hu jippretendi li ghandu.**[4]

Illi huwa fatt inkontestat illi t-taraġ li jagħti għar-residenzi rispettivi tal-appellanti u tal-kwerelanti huwa wieħed komuni, u allura kif ġie deciz –

> **Il-ko-possessuri ta' oggett ghandhom - sakemm ma jigix miftiehem jew ordnat mod iehor minn awtorita' kompetenti, jew sakemm mhux ipprovdut mod iehor fil-ligi - drittijiet ta' tgawdija indaqs fuq dak l-oggett. L-istess jinghad ghall-koproprjetarji: dawn ghandhom drittijiet indaqs fuq l-oggett u, kif jipprovdi espressament l-artikolu 491 (b) tal-Kodici Civili, ghalkemm kull wiehed mill-koproprjetarji jista' jinqeda bil-hwejjeg in komun, dan ma jistax jaghmlu "b'mod li ma jhallix lill-koproprjetarji l-ohra jinqdew biha in komun skont il-jeddijiet taghhom".**[5]

Illi il-Qorti terġa' tagħmel referenza għat-tagħlim ġurisprudenzjali li l-Ewwel Qorti straħet fuqu fis-sentenza appellata u li jemerġi mis-sentenza ***Il-Pulizija vs Michael Saliba*** deċiża minn din il-Qorti kif diversament ippresjeduta[6], billi huwa pertinenti ħafna għal dan il-każ, fejn kien spjegat illi l-kelma 'spolja' għandha sinifikat wiesgħa mogħti mill-istess artikolu 85 fejn fost oħrajn att spoljattiv jikkonsisti wkoll f' **li wieħed b'mod ieħor kontra l-liġi, jindaħal fi ħwejjeġ ħaddieħor**.' Il-Qorti kompliet tgħid dan ir-reat huwa intiż biex "jipprevjeni li wieħed, flok ma jirrikorri għall-proċedura skont il-liġi (ċivili), jieħu l-liġi b'idejh".

Illi eżaminata l-ġurisprudenzza in materja jemerġi mill-Atti Proċesswali, li *del resto*, huma pjuttost nieqsa minn ħafna dettalji, li hemm kwistjoni evidenti bejn il-partijiet involuti f'dawn il-proċeduri, liema kwistjoni tidher li għandha bħala il-qofol tagħha il-pussess ta' kelb jew klieb diversi li kellhom/għandhom l-istess kwerelanti. Fir-rikors tal-appell ntavolat mill-appellanti, hemm referenza għall-allegat fatt li l-kwerelanti kienu qed jiġġestixxu *dog sanctuary* illegali, liema fatt qed joħloq periklu għat-tfal ta'l-appellanti meta dawn joħorġu mid-dar minħabba il-biża' li jaħbat xi kelb għalihom, iżda dawn il-fatti rakkontati jibqgħu mera allegazzjoni għaliex ma tressqet l-ebda prova quddiem l-Ewwel Qorti li turi li din l-allegazzjoni għandha mis-sewwa. Dak li jirriżulta mill-Atti Proċesswali huwa sempliċiment li kien hemm kwistjoni bejn il-ko-litigandi dwar xi ħmieġ konsistenti fil-pil li allegatament ħallew xi klieb fit-taraġ

[4] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri, ippreseduta mill-Imħallef William Harding u datata l-24 ta' Ġunju 1961.
[5] Il-Pulizija vs Georgina Gauci – App.Inf. 07/01/1998.
[6] 20 ta' Awwissu 2009

tal-komun, għal liema ħmieġ l-appellanti kienu qed jippontaw subagħjhom lejn il-kwerelanti. Kien għal din ir-raġuni, skont ix-xiehda tal-kwerelanti Bezzina, li l-appellanti ppożizzjonaw il-*cameras* tas-sigurta' proprjeta' tagħhom f'dik id-direzzjoni sabiex jikkontrollaw is-sitwazzjoni. Huwa fatt inkontestat għalhekk illi din il-*camera* hekk installata mill-appellanti kienet qed tiġbed filmati miż-żona tat-taraġ tal-komun, għalkemm fix-xhieda tagħha l-kwerelanti tindika illi fil-mori tal-kawża l-appellanti biddlu l-posizzjoni tal-angolatura u ż-żona li tiġbed din il-*camera*.

L-appellanti jikkontendu illi l-elementi tar-reat imfassal fl-artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali ma jissussistux u li semmai l-uniku azzjoni li kellhom l-kwerelanti għad-disposizzjoni tagħhom hija dik maħsuba fil-Kapitolu 586 tal-Liġijiet ta' Malta li mplimentat id-disposizzjonijiet tar-Regolament tal-Unjoni Ewropeja 2016/679 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data.* Jikkontendu illi bl-aġir tagħhom ma jistax jingħad illi ġie ppreġudikat ebda jedd li l-kwerelanti jistgħu talvolta igawdu ukoll għaliex il-kamera tas-sigurta' qed tiġbed filmat mill-partijiet komuni għar-residenzi rispettivi tagħhom.

Issa l-Qorti mhijiex imsejħa f'din l-istanza sabiex tqies jekk il-mod kif il-kamera qed tiġbed il-filmat tiksirx xi regolament dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data, u jekk is-sanzjonijiet maħsuba f'dawk ir-regolamenti jkoprux il-fattispeċje tal-każ in diżamina billi id-*data* li qed tiġi ipproċessata f'dan il-kaz tirrigwarda filmati li jiġbdu proprjeta' privata li tappartjeni ukoll lill-appellanti, u allura jekk tapplikax 'l hekk imsejħa *household exemption* maħsuba fl-artikolu 4(1)(c) tal-Kapitolu 586 tal-Liġijiet ta' Malta.

Jingħad biss illi fil-każ spiss ċċitat deċiża mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropeja ta' *Frantisek Rynes vs Urad* (CJEU – C- 212/13)[7] kien deċiż:

> ***... the image of a person recorded by a camera constitutes personal data ... inasmuch as it makes it possible to identify the person concerned..." and that "... surveillance in the form of a video recording of persons, as in the case before the referring court ... constitutes ... the automatic processing of personal data" (Paragraphs 22 and 25).***

[7] 16/12/2014

> ***"As is clear from Article 1 … and Recital 10 …(that) .. Directive 95/46 is intended to ensure a high level of protection of the fundamental rights and freedoms of natural persons, in particular their right to privacy, with respect to the processing of personal data…. the exception provided for in the second indent of Article 3(2) of that directive*** *must be narrowly construed"*. ***(Paragraphs 27 and 29; my emphasis).***
>
> ***"Consequently… the operation of a camera system, as a result of which a video recording of people is stored on a continuous recording device such as a hard disk drive, installed by an individual on his family home for the purposes of protecting the property, health and life of the home owners, but which also monitors a public space,*** *does not amount to the processing of data in the course of a purely personal or household activity…"*

Illi fuq kollox il-leġittimita' tal-ipproċessar tad-*data* jemerġi minn dak li jiddisponi l-artikolu 6(1)(f) tar-Regolamenti li jistipula hekk:

> **L-ipproċessar għandu jkun legali biss jekk u safejn mill-inqas ikun japplika wieħed mill-punti li ġejjin:**
>
> **(f) l-ipproċessar ikun meħtieġ għall-finijiet tal-interessi leġittimi segwiti mill-kontrollur jew minn parti terza, għajr meta dawn l-interessi jingħelbu mill-interessi jew id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tas-suġġett tad-data li jeħtieġu l-protezzjoni tad-data personali, b'mod partikolari meta s-suġġett tad-data jkun minorenni.**

Issa għalkemm ma jirriżultax mill-atti jekk din il-kamera tas-sigurta' taqbadx xi postijiet pubbliċi jew toroq jew spazji pubbliċi, huwa ndubitat illi kienet qed tiġbed filmati kontinwi ta' żona li għalkemm hija proprjeta' privata, madanakollu ma tappartjeniex unikament lill-appellanti, iżda hija proprjeta ukoll tal-kwerelanti fejn allura l-appellanti kienu qegħdin b'mod kontinwu u mingħajr awtorizzazzjoni jipproċessaw *data* b'mod ininterrot tal-attivita' li jistgħu talvolta jkunu involuti fiha l-kwerelanti. Illi għalkemm l-appellanti jikkontendu illi dan qed jagħmluh għal għan leġittimu sabiex jilqgħu minn xi periklu għal uliedhom u biex iżommu lil kwerelanti milli jħammġu il-partijiet komuni, madanakollu kif deċiż fil-każ ta' *Rynes* hawn fuq iċċitat, li kien installa kameras ta' sigurta minħabba li kien qed jiġi derubat, dan ma huwiex l-interess leġittimu li jkopri dan ir-Regolament. Illi mhux biss, iżda, il-liġi stess tqis illi l-ipproċessar ma għandux iwassal għal vjolazzjoni tad-drittijiet u libertajiet fondamentali tas-suġġett tad-*data*.

Issa jirriżulta li l-*camera* tal-appellanti ġiet mqiegħda f'dik id-direzzjoni partikolari mingħajr il-kunsens espress tal-kwerelanti, sabiex b'hekk, fil-fehma tal-Qorti, twieled dan l-istat anti-ġuridiku. Dan għaliex huwa indubitat illi il-kwerelanti għandhom dritt għal godiment tal-ħajja privata tagħhom mingħajr ma dawn ikunu mgħassa kontinwament u illi dik is-sorveljanza tkun regolamentata bil-liġi. Illi l-appellanti minflok ma irrappurtaw l-ilment tagħhom lill-awtoritajiet, u dan fir-rigward ta' periklu jew ħmieġ li allegatament l-kwerelanti ħallew fil-partijiet komuni, għoġobhom b'att volut u pożittiva, jinstallaw kamera ta' sigurta li qed isservi ta' għassa fuq il-kwerelanti u l-movimenti tagħhom u dan b'mod kontinwu u ininterrot, imġieba, kif ingħad, li tmur mhux biss kontra dak li tipprovdi il-liġi regolanti il-protezzjoni u l-privatezza tad-*data*, iżda ukoll hija vjolattiva tal-jeddijiet fondamentali tal-kwerelanti li jgawdu il-liberta' għal ħajja privata tagħhom mingħajr ebda indħil jew xkiel, sabiex b'hekk l-aġir tagħhom jikkostitwixxi l-att materjal tar-reat maħsub fl-artikolu 85 li jitkellem dwar l-indħil b'liema mod ikun fil-ħwejjeġ ta' ħaddieħor mingħajr l-intervent tal-awtorita' pubblika u mingħajr il-kunsens tal-persuna spoljata mill-jeddijiet tagħha. Għaldaqstant għalhekk il-Qorti ma tista' issib ebda mottiv li jista' iġiegħlha titbiegħed mill-fehma milħuqa mill-Ewwel Qorti.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell, tikkonferma s-sentenza appellata bit-termini indikati fl-imsemmija sentenza jibdew jiddekorru mil-lum.**

**Edwina Grima**
**Imħallef**